MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1105/1993/1

**Joseph Ciscaldi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Turu Ciscaldi Limited**

**v.**

**L-Avukat Patrick Galea bhala prokuratur ta' l-assenti l-Perit Stephen Farrugia u b'nota tal-24 ta' Jannar, 1997 il-Perit Stephen Farrugia assuma l-atti tal-kawza stante li jinsab Malta**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi huwa sid blokk ta' bini taht kostruzzjoni gewwa Triq il-Mensija, San Giljan waqt li l-konvenut Stephen Farrugia huwa Perit li jahdem ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar; illi l-attur kien ipprezenta applikazzjoni ghal permess ta' bini sabiex ikun jista' jgholli dan il-blokk ta' bini bi sular iehor; illi fil-*file* ta' l-applikazzjoni ta' l-attur kienu saru dawk ir-rakkomandazzjoniet sabiex l-attur jinghatalu l-permess li ghalih kien applika u di fatti din ir-rakkomandazzjoni a favur kienet saret mill-konvenut stess; illi bis-sahha ta' din ir-rakkomandazzjoni l-attur kien sejjer jottjeni dan il-permess, imma gara illi meta fil-5 ta' Mejju 1993, waqt li l-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar kien qieghed jikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-attur, il-konvenut qabad u stqarr lil dan il-Bord, li l-attur kien ipprova jinfluwixxih b'mezzi illegali; illi minhabba din l-akkuza, il-Bord ma laqax l-applikazzjoni ta' l-attur u di fatti harget (*sic*) avviz ta' *refusal*; illi minkejja li nghatat raguni illi l-applikazzjoni ma setghetx tigi milqughha minhabba *height limitations*, di fatti kienet din l-istqarrija tal-konvenut li kienet il-veru raguni ghal(l)-hrug ta' l-avviz ta' *refusal*; illi l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut hija nfondata u mhux veritiera u ghalhekk minhabba din ir-*refusal* l-attur qieghed isofri danni konsiderevoli kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur minhabba l-akkuza infondata maghmula minnu; 2. tillikwida d-danni hekk kagunati okkorrendo (b) in-nomina ta' periti nominandi; 3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar kontra persuna u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi biha eccepixxa:

**1. Illi l-mandant tieghu mhux responsabbli ghad-danni pretizi mill-attur nomine u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-attur nomine inkluza dik tad-danni;**

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-hdax (11) ta' Ottubru, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

**"… tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghhom [*sic*]";**

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

**"L-attur qed jissottometti li bis-sahha ta' rakkomandazzjoni li kien ghamel il-konvenut hu kien ser jottjeni l-permess ghall-bini ta' sular iehor fil-blokk ta' bini li kellu taht kostruzzjoni, imma gara li fil-5 ta' Mejju, 1993, waqt li l-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar kien qieghed jikkunsidra l-applikazzjoni tieghu, il-konvenut qabad u stqarr lil dan il-Bord, li hu kien ipprova jinfluwixxih b'mezzi illegali. Minhabba din l-akkuza inveritiera, il-Bord ma laqax l-applikazzjoni tieghu u hareg avviz ta' *refusal*.**

**"Minn naha l-ohra l-konvenut qed jissottometti li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-permess ma harigx minhabba d-dikjarazzjoni li hu ghamel u li meta saret dina d-dikjarazzjoni l-Bord kien digà ddecieda dwar ir-*refusal* ta' l-applikazzjoni ta' l-attur.**

**"L-attur xehed li hu ma kienx prezenti meta sar dana d-diskors u sar jaf bil-kliem li qal il-konvenut minn xi nies tal-Bord li kienu prezenti. Hu semma' li dawn kienu Charles Scerri jew Joe Sultana - Din il-persuna kienet qaltlu li waqt li kien ghaddej il-Bord il-konvenut**

**qal li l-attur ipprova jikkorrompih bil-flus meta dan ma kienx vera. Minhabba f'hekk kien hemm *refusal*.**

**"Meta xehed Charles Scerri, li dak iz-zmien kien *Acting Secretary* tal-Bord, qal li f'okkazjoni minnhom il-konvenut kien allega li l-attur kien avvicinah biex jikkumpensah bi flus jew rigal biex il-permess ikun jista' johrog. Fuq dan il-kaz kienet harget *refusal* però ma jiftakarx jekk kienx dak il-hin stess kif allega li gara l-attur.**

**"Il-persuna l-ohra li semma l-attur, cioè Joe Sultana, xehed li ma jistax jghid ezattament min qal id-diskors billi ma sarx waqt il-laqgha.**

**"Dawn huma l-persuni li wiehed minnhom suppost qal lill-attur x'gara gewwa l-laqgha tal-Bord, billi l-attur personalment ma kienx sema' xejn.**

**"Minn naha tieghu l-konvenut xehed li l-applikazzjoni ta' l-attur kienet digà rifjutata diversi drabi qabel ma gara dana l-incident u kien hemm anke kawza civili kontra l-attur mill-Awtorità minhabba dan il-bini llegali.**

**"Imbaghad f'okkazjoni minnhom l-attur kien offrilu flus biex jaghmillu rakkomandazzjoni favorevoli ghall applikazzjoni tieghu. Kien ghamel rapport lis-superjur tieghu l-Perit George Cilia dwar dana l-incident. L-attur però baqa' jippersisti u jippressah. Il-konvenut kompla jixhed hekk:**

**'Illi f'Mejju 1993, meta kien qed jipprezenta l-kaz quddiem id-DCC, wara li l-Bord iddecieda li ma jaghtix permess lil Ciscaldi, jiena kont irrapurtajt lill-membri tad-DCC li Ciscaldi kien offrieli l-flus biex naghmel rakkomandazzjoni favorevoli sabiex l-applikazzjoni tieghu tigi accettata u jinhariglu l-permess - dak il-hin il-Bord ma tax reazzjoni formali.' (fol. 108). Wara xi zmien din il-kwistjoni tqajmet quddiem l-Awtorità ta' l-Ippjanar u gie deciz li jittiehdu passi u l-kaz jigi nvestigat.'**

**“Hu spjega li qatt ma kellu interess jew motivi li jippregudika u lanqas li jiffavorixxi l-kaz ta’ l-attur b’xi mod u r-relazzjoni tieghu mieghu kienet wahda professjonali tipika bejn ufficjal ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar u applikant u dak li kien ghamel kien li gibed l-attenzjoni tad-DCC.**

**“Il-Perit George Cilia kkonferma li l-konvenut kien qallu li l-attur kien offrielu flus dwar kaz partikolari u kien issuggerielu biex jinformaw lid-DCC.**

**“Il-Perit Godwin Cassar, *Director of Planning* dak iz-zmien, xehed li l-konvenut kien ghamillu rapport li l-attur kien avvicinah u offrilu xi flus fuq l-applikazzjoni tieghu. Sa meta l-konvenut kien ghamillu r-rapport, id-decizjoni dwar il-kaz ta’ l-attur ma kienx ghadu gie deciz. Hu kien ikun prezenti fuq il-Bord *ex ufficio* biss. Dak in-nhar li ltaqa’ l-Bord, il-konvenut kien qalilhom bl-offerta li kienet saritlu mill-attur.**

**“L-applikazzjoni ta’ Ciscaldi giet *refused* minhabba l-gholi propost. L-applikazzjoni kienet hadet il-kors normali taghha u giet deciza mill-Bord b’mod normali u ma jidhirx li kien hemm xi ntervent straordinarju.**

**“David Zerafa membru tad-DCC ikkonferma dak li qal il-konvenut cioè li fil-laqgha, wara li l-applikazzjoni ta’ l-attur kienet giet trattata <u>u deciza</u> l-perit Stephen Farrugia, kien irrimarka li s-sur Ciscaldi kien mar offrielu *envelope* biex jghinu fil-hrug tal-permessi (fol. 48). Dan kien wara li ttiehdet id-decizjoni fuq il-permess. Cahad li d-decizjoni ttiehdet wara li sar dan id-diskors.**

**“Xhieda ohra prodotti kollha kkonfermaw li d-decizjoni tal-Bord li tirrifjuta l-applikazzjoni ta’ l-attur kienet minhabba l-*height limitation* (ara xhieda tal-Perit Godwin Cassar, Dottor Mario Buhagia[r], Perit Martin Farrugia u Anthony Mifsud). Il-Perit Martin Farrugia u Anthony Mifsud - membri tad-DCC, spjegaw li fil-kaz ta’ l-attur il-Bord segwa l-procedura**

**normali u mxew skond il-*policy* u l-procedura tad-DCC.**

**“Tikkunsidra**

**“Illi mill-ezami tax-xhieda prodotta li ghadha kemm saret accent [*recte*: ghadu kemm sar accenn] ghaliha, jirrizulta li l-attur ma rnexxilux jipprova li d-decizjoni li ttiehdet mid-DCC li tirrifjutalu l-permess biex jirregola l-bini illegali li kellu, kienet giet influwenzata mid-diskors li qal il-konvenut. Inoltre hemm provi bizzejjed li juru li d-diskors li qal il-konvenut sar wara li ttiehdet id-decizjoni ghar-rifjut. Il-konvenut kien ukoll qal dan id-diskors qabel il-laqgha lis-superjuri tieghu wara li l-attur kien ipprova jghaddilu l-flus.**

**“Mhux necessarjament ghax il-konvenut kien ghamel ir-rakkomandazzjoni favorevoli, il-Bord kellu bilfors johrog il-permessi. Ghalhekk ma jsegwix li l-permessi ma nhargux tort tal-konvenut.**

**“Jigi osservat ukoll li l-applikazzjoni ta’ l-attur kienet ghaddiet minn tliet stadji ta’ ezami u kienet giet konsidrata u rikonsidrata u r-rifjut gie konfermat. L-attur kellu kull dritt u mezzi biex jattakka d-decizjoni ta’ rifjut bil-proceduri li taghtih il-ligi.**

**“Kwantu ghall-kumment ta’ l-attur dwar tibdil fir-rakkomandazzjoni tal-konvenut, il-Qorti tirrileva li hi qed toqghod fuq ix-xhieda mismughha minnha u li gew kontro-ezaminati quddiemha, apparti l-fatt li l-konvenut spjega ghaliex kien sar dak it-tibdil taht struzzjoni tal-Bord wara diskus[s]joni twila dwar l-istess.”**

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza tal-hdax (11) ta’ Ottubru, 2002 tigi revokata u illi jigu milqugha t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konvenut illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi s-sentenza

appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell fl-udjenza tad-19 ta’ April 2005;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji, li huma essenzjalment tnejn, tas-socjetà attrici kontra s-sentenza appellata huma bazikament is-segwenti:
1. Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell,
“… l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet il-kwistjoni kollha fuq il-bazi li l-attur ma rnexxielux jipprova li d-decizjoni li ttiehdet mid-DCC li tirrifjutalu l-permess biex jirregola l-bini illegali li kellu kienet giet influwenzata mid-diskors li qal il-konvenut”,

meta, dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell,

“… l-veru mertu tal-kwistjoni kienet jekk il-konvenut kienx hati ta’ malafama versu l-attur u kienx responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ghal dik il-malafama”;

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell,

“… il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li ma kienx hemm danni x’jigu likwidati favur l-attur hija zbaljata sija fil-fatt kemm ukoll fil-ligi”;

Ikkunsidrat:

Illi l-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà appellanti tinnecessita ezami akkurat ta’ l-att ta’ citazzjoni sabiex jigi determinat x’inhu il-“veru mertu” tal-kawza odjerna. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezami illi wassalha ghas-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet dwar il-premessi ta’ l-att ta’ citazzjoni:

(i) is-socjetà attrici qed tallega illi l-konvenut, il-perit Stephen Farrugia, stqarr quddiem il-“Bord ta’ l-Awtorità ta’

l-Ippjanar" illi "l-attur kien ipprova jinfluwixxih b'mezzi illegali";

(ii) minhabba din l-istqarrija - jew, kif issejhilha ukoll is-socjetà attrici, "akkuza" - ta' l-imsemmi konvenut, l-Awtorità ta' l-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni tas-socjetà attrici sabiex din "tgholli dan il-blokk ta' bini [indikat fl-ewwel premessa ta' l-att ta' citazzjoni] b' sular iehor";

(iii) ghalkemm ir-raguni ufficjali ghar-rifjut ta' l-imsemmija applikazzjoni kienet illi l-bini propost kien jeccedi l-*height limitations* applikabbli ghaz-zona in kwistjoni, s-socjetà attrici ssostni illi "din l-istqarrija tal-konvenut … kienet il-veru raguni ghall-hrug ta' l-avviz ta' *refusal*";

(iv) l-imsemmija stqarrija jew akkuza - jew, kif issejhilha s-socjetà attrici fl-ahhar premessa, "l-allegazzjoni" - tal-konvenut "hija nfondata u mhux veritiera u ghalhekk minhabba din ir-*refusal* l-attur qieghed isofri danni konsiderevoli …";

L-ewwel (1) talba attrici hija illi l-Qorti "tiddikjarah [lill-konvenut] responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur minhabba l-akkuza nfondata maghmula minnu". Fil-fehma ta' dina l-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hawn fuq minnha elenkati dwar il-premessi ta' l-att ta' citazzjoni, l-ewwel Qorti, sabiex tiddisponi mill-ewwel (1) talba attrici riedet, qabel xejn, tiddetermina jekk il-vera raguni ghar-*refusal* in kwistjoni kinetx dik ufficjali, jigifieri illi l-bini propost kien jeccedi l-*height limitations* applikabbli, jew l-imsemmija stqarrija, akkuza jew allegazzjoni tal-konvenut. F'kaz biss illi lill-ewwel Qorti rrizultalha illi l-vera raguni ghar-*refusal* kienet dik ta' l-ahhar kien ikun hemm il-htiega illi l-istess Qorti tiddetermina jekk l-imsemmija stqarrija, akkuza jew allegazzjoni tal-konvenut kenitx - kif qed tippretendi s-socjetà attrici - "nfondata u mhux veritiera" sabiex, jekk kellha ragun is-socjetà attrici, tilqa' l-ewwel (1) talba u tiddikjara illi l-konvenut ikkaguna danni lill-istess socjetà;

Minn qari attent tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti, wara illi ghamlet l-apprezzament taghha - apprezzament illi dina l-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiskarta - tal-provi prodotti, waslet ghall-konkluzjoni illi r-raguni ghac-cahda ta' l-imsemmija applikazzjoni tas-socjetà attrici kienet illi l-bini propost kien jeccedi l-*height limitations* applikabbli u illi s-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova illi d-decizjoni relativa "kienet giet influwenzata mid-diskors li qal il-konvenut". Huwa evidenti, ghalhekk, illi ma kienx hemm in-neccessità illi l-ewwel Qorti tindaga jekk l-istqarrija, akkuza jew allegazzjoni in kwistjoni tal-konvenut kenitx "infondata u mhux veritiera";

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà appellanti ma jistax jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qrat is-sentenza appellata diversi drabi izda ma rnexxilhiex issib dak illi qed tissottometti s-socjetà appellanti permezz tat-tieni (2) aggravju taghha, jigifieri illi l-ewwel Qorti kkonkludiet "… li ma kienx hemm danni x'jigu likwidati favur l-attur …". Kif già gie accennat waqt il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel (1) aggravju, l-ewwel Qorti setghet tiddikjara lill-konvenut responsabbli lejn is-socjetà attrici ghad-danni pretizi minn din is-socjetà kieku kkonkludiet illi r-*refusal* ta' l-applikazzjoni in kwistjoni kien rizultat ta', jew influwenzat minn, l-istqarrija, akkuza jew allegazzjoni tal-konvenut. Kif già inghad ukoll, l-ewwel Qorti ma waslitx ghal din il-konkluzjoni u, konsegwentement u logikament, fid-dawl tal-premessi fl-att ta' citazzjoni, cahdet it-talbiet attrici minghajr ma kellha ghalfejn tiddikjara espressament illi ma kienx hemm danni x'jigu likwidati. Il-*modus operandi* ta' l-ewwel Qorti kien korrett u ineccepibbli fid-dawl ta' kif kienet redatta c-citazzjoni.

Ghalhekk, lanqas it-tieni (2) aggravju tas-socjetà attrici ma jimmerita akkoljiment;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------